

L-Esportazzjoni ta' Skart Tossiku lejn l-Afrika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Esportazzjoni ta' Skart Tossiku lejn l-Afrika

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Kontroll ta' Moviment transkonfinali ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu (Il-Konvenzjoni ta' Basel), adottata fit-22 ta' Marzu 1989 u approvata f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/98/KEE¹ u l-projbizzjoni li toħroġ minn din fuq kull esportazzjoni ta' skart perikoluż minn pajjiżi ta' l-OECD lejn pajjiżi mhux ta' l-OECD,
 - wara li kkunsidra l-leġiżlazzjoni tal-Komunità dwar vjeġġi ta' skart, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 ta' l-1 ta' Frar 1993 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart fi, ġo u barra mill-Komunità Ewropea², u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart³, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 259/93 mit-12 ta' Lulju 2007,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. Billi madwar 500 tunellata ta' skart kimiku ntrema f'diversi żoni viċin Abidjan, fil-Kosta ta' l-Avorju, fejn jgħixu 5 miljun ruħ,
- B. Billi s'issa mietu 8 persuni u madwar 85,000 intbagħtu l-isptar għal trattament ta' fġir, ta' dijarea, ta' irritazzjoni ta' l-għajnejn u ta' diffikultajiet fir-respirazzjoni; Billi li l-konsegwenzi ta' dan l-iskart tossiku jista' jkollu konsegwenzi kbar inkluża l-kontaminazzjoni tal-ħamrija, u tat-tniġġis ta' l-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art,
- C. Billi din l-intossikazzjoni effettwat b'mod partikularment gravi numru kbir ta' tfal: skond stima tal-UNICEF, numru bejn 9000 u 23000 tifel u tifla se jkollhom bżonn l-assistenza medika u l-kura tas-saħħa u miżuri oħra sabiex jitnaddaf l-ambjent fejn jgħixu.
- D. Billi l-iskart tossiku kien mormi mill-bastiment li jtajjar il-bandier tal-Panama u li huwa propjetà Griega, mikri minn Trafigura *Beheer B.V.*, kumpanija ibbażata l-Olanda, billi li dan it-tip ta' qsim ta' responsabbiltà joħloq problema sistematika u inaċċettabbli rigward l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità,
- E. Billi r-regolamenti ambjentali fil-pajjiżi tat-Tramuntana, ġabu li r-rimi ta' skart perikoluż sar proċess li jiswa ħafna flus,
- F. Billi l-Awtoritajiet tal-Portijiet ta' Amsterdam skoprew li l-iskart huwa ta' natura perikoluża fil-mument li dan tniżżel minn fuq il-bastiment u talbu tariffa għola sabiex

¹ ĠU L 39, 16.2.1993, p.1.

² ĠU L 30, 6.2.1993, p.1.

³ ĠU L 190, 12.7.2006, p.1.

itemmu l-iskarikar, kien deċiż li l-iskart jerġgħa jittella' fuq il-bastiment; billi l-awtoritajiet Olandiżi awtorizzaw it-tluq tal-bastiment mit-territorju tagħhom għalkemm kellhom ikunu jafu bin-natura perikoluża ta' l-iskart u li l-kaptan, fl-Olanda, ma kienx lest li jħallas sabiex l-iskart ikun mormi b'mod li jirrispetta l-ambjent,

- G. Billi l-kumpanija kellha l-opportunità li tarmi l-iskart b'mod legali u sikur fl-Ewropa iżda għażlet alternattiva irħas fil-Kosta ta' l-Avorju,
 - H. Billi l-Afrika hija post għar-rimi ta' kull tip ta' skart perikoluż; Billi li l-Green Peace identifikat 80 sit fejn qed jintrema skart perikoluż mill-pajjiżi żviluppatti inkluż kompjuters qodma fin-Niġerja, riservi radju-attivi fis-Somalja, ir-rimi tal-kloru fil-Kamerun, eċċ,
 - I. Billi ħafna pajjiżi Afrikani m'għandhomx regolamenti b'saħħithom li jiproteġu l-ambjent u l-għajxien tal-popolazzjoni mill-iskart perikoluż,
 - J. Billi l-esportazzjoni kollha mill-UE ta' l-iskart għar-rimi hija projbita sa minn Mejju ta' l-1994 skond ir-Regolament (KEE) Nru 259/93; Billi l-esportazzjoni ta' skart perikoluż mill-UE lejn pajjiżi ta' l-UE li mhux ta' l-OECD għall-irkupru hija projbita sa minn Jannar ta' l-1997 skond dak ir-Regolament,
 - K. Billi r-rimi ta' skart perikoluż fil-Kosta ta' l-Avorju hija biss biċċa żgħira mit-trasport bil-baħar ta' skart perikoluż mill-UE lejn pajjiżi mhux ta' l-OECD; Billi ammonti kbar ta' skart elettriku u ta' skart elettroniku qed jintremew f'pajjiżi mhux ta' l-OECD taħt l-iskuża ta' "l-użu mill-ġdid"; Billi numru sinifikanti ta' bastimenti antiki ta' l-UE mimlija b'sustanzi tossiċi u b'materjali li qed ikunu skrappjati fl-Asja f'kundizzjonijiet li huma estremament ta' ħsara lill-ħaddiema u lill-ambjent,
 - L. Billi hu adotta fl-ewwel qari fid-9 ta' April 2002 pożizzjoni dwar proposta għal Direttiva dwar Il-Protezzjoni ta' l-Ambjent permezz tal-liġi kriminali¹, Billi l-Kunsill qatt ma adotta ftehim politiku dwar din il-proposta għal Direttiva u, minflok, kien favur Deċiżjoni ta' Qafas tat-tielet pilastru dwar l-istess suġġett (Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2003/80/GIA tas-27 ta' Jannar 2003²), billi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Settembru 2003 ħassret id-Deċiżjoni ta' Qafas fil-Każ C-176/03,
1. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Olanda u lill-Kosta ta' l-Avorju sabiex jinvestigaw bis-sħiħ dan il-każ, jistabbilixxu r-responsabbiltajiet fuq kull livell, iressqu quddiem l-ġustizzja lir-responsabbli ta' dan ir-reat ambjentali, u jiżguraw rimedju sħiħ għal dan it-tniġġis ambjentali u kumpens lill-vittmi,
 2. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jipprovdu assisstenza sħiħa lill-popolazzjoni affetwata u partikularment lit-tfal billi jużaw kull mezz disponibbli ta' appoġġ, koperazzjoni u protezzjoni ċivili,
 3. Jikkunsidra li kemm il-leġiżlazzjoni tal-Komunità u kemm il-Konvenzjonijiet internazzjonali kienu miksura fil-każ ta' l-esportazzjoni ta' skart perikoluż lejn l-Abidjan, għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-miżuri kollha

¹ ĠU C 127 E, 29.5.2003, p. 119.

² ĠU L 29, 5.2.2003, p. 55.

neċessarji sabiex jiżguraw l-infurzar komplet tar-regolament eżistenti dwar it-trasport ta' l-iskart bil-baħar;

4. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jipublikaw il-ftehimiet bilaterali kollha li kkonkludew mal-pajjiżi mhux ta' l-OECD sal-ġurnata ta' llum dwar it-trasport ta' l-iskart bil-baħar;
5. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel proposti leġislattivi biex jingħalqu l-lakuni fir-reġim attwali dwar l-iskart perikoluż sabiex jintemm it-trasport bil-baħar ta' skart elettriku u ta' apparat elettroniku u ta' bastimenti li m'għadhomx jintużaw lejn pajjiżi mhux ta' l-OECD;
6. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiġbor informazzjoni dwar it-traffiku lleċtu u r-rimi ta' dan l-iskart perikoluż u ta' prodotti f'pajjiżi Afrikani u f'pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw; tipproponi proposta għal miżuri ta' kontroll, tnaqqas u teqred dan it-traffiku lleċtu ta' dawn il-prodotti, it-trasferiment u r-rimi ta' dawn il-prodotti fl-Afrika u f'pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw; u kull sena tipproduċi lista ta' pajjiżi u ta' korporazzjonijiet transnazzjonali involuti fir-rimi illeċtu ta' skart tossiku u ta' prodotti fl-Afrika u f'pajjiżi oħra li għadhom qed jiżviluppaw;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-gvern ta' l-Kosta ta' l-Avorju u lis-segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Basel.